Mill-Istorja ta' Pajjiżna

Michael Galea

## 1693 — IT-TERREMOT U L-BINI MILL-ĠDID TAL-KATIDRAL TA' L-IMDINA — (3)

# SEJBA PROVIDENZJALI TA' MUNITI

**Fuq deliberazzjoni ta' l-Isqof Cocco-Palmieri, il-muniti tqiegħdu kollha f'borża, li ġiet imbagħad issiġillata bi tmien siġilli, u b'dak ta' l-Isqof stess u kkonsenjata mill-imsemmija kanonċi Don Salvatore Teuma, Don Ferdinando Castelletti, Don Gio Domenico Attard u Don Francesco Mangion lill-kanonku Teżorier u Depożitarju tal-Knisja Katidrali, Don Mariano Haxack. Xhieda ta' din il-konsenja kien hemm, fost oħrajn, il-Kantur Provigarju Camilleri, Don Gio Domenico Farrugia, sottofiskal, Patri Clemente Dingli, Baċċillier u Pirjol tal-Kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat, Patri Pietro Mamo, Pirjol tal-Kunvent tal-Karmnu ta' l-Imdina, u s-Sinjuri Gio Vincenzo Castelletti u Diego Antonio Galea. Dan id-dokument tal-konsenja tal-flus huwa tranżuntat fl-atti tan-Nutar Gio Domenico Gatt bid-data 13 ta' April, 1698. (16)**



Mattia Preti (1613-1699) – In-Nawfraġju ta' San Pawl fl-apside tal-Katidral, l-Imdina.

Is-somma misjuba nqasmet bejn l-Inkwiżitur, Mons. Giacinto Filiberto Ferrari (1698-1703), u l-Kapitlu tal-Katidral, li ħareġ dan is-sehem għall-bini tal-knisja l-ġdida. (17) Din is-somma kienet ġiet tassew f'waqtha, għaliex kien hemm diffikultajiet finanzjarji għall-Kapitlu, iżda, kif jikteb l-istorjografu l-Konti Giovannanton Ciantar: "*ma la Divina Provvidenza somministrò loro il denaro per un altro mezzo, se non miracoloso, certamente ammirevole*" (18)

Mill-aspett arkitettoniku, Quentin Hughes jikteb dwar il-Katidral il-ġdid: "*The new church, which is one of the two really important works of architecture in Malta (19) worthy of comparison with anything found abroad, was built when Malta was at the height of its glory, and Gafà had benefitted from the work of the pioneers and from his own practical architectural experience.*" (20)

Il-knisja il-ġdida tinkorpora l-*apside* antika bl-affresk ta' Mattia Preti (1613-1699) li jirrappreżenta n-nawfraġju ta' San Pawl fuq il-Gżira ta' Malta. Din l-*apside*, li kienet inbniet fl-1681, ma sfatx milquta mit-terremot.

Il-bini tal-knisja dam biex tlesta ħames snin. U matul dan iż-żmien l-Isqof u l-Kapitlu kienu jagħmlu l-funzjonijiet sagri u pontifikali fil-knisja tal-Patrijiet Karmelitani li hemm fl-Imdina. (21)

Il-Knisja Katidrali l-ġdida ġiet solennement ikkonsagrata fit-8 (it-Tieni Ħadd) ta' Ottubru 1702 mill-Isqof Cocco-Palmieri.

Il-knisja għandha faċċata imponenti u eleganti li hija maqsuma fi tliet sezzjonijiet permezz ta' pilastri u f'kull sezzjoni hemm bieb li jagħti għal ġewwa l-knisja. Fuq il-bieb prinċipali, tan-nofs, hemm tliet armi: dik tan-nofs hija l-arma tar-Re ta' Spanja; fuq il-lemin hemm l-arma tal-Granmastru Aragoniż Fra Raimundus Perellos Y Roccaful (1697-1720) (22), u fuq ix-xellug l-arma ta' l-Isqof Cocco-Palmieri (1684-1711). Dan ifisser li dawn l-aħħar żewġ armi qed jindikaw u jfakkru epoka: meta nbena mill-ġdid dan il-katidral mit-terremot ta' l-1693 'l hawn. (23).



Il-Granmastru Fra Ramon Perellos Y Roccaful (1697-1720).

Dan it-tempju storiku, sa mill-bidunett tat-twaqqif tiegħu, dejjem kellu benefatturi distinti u illustri: Papiet, Kardinali (24), u Isqfijiet, Imperaturi u Rejiet, Inkwiżituri, Granmastri u bosta prelati. Ukoll din il-Knisja Ka-tidrali ġiet mogħnija bi privileġġi speċjali mill-Awtorità tal-Knisja. (25)

Dan il-Katidral illum jinsab imsebbaħ b'bosta xogħlijiet artistiċi ta' preġju. L-Isqof Davide Cocco-Palmieri, li tant ħabrek biex dan il-Katidral inbena mill-ġdid wara l-ħsara li kienet saritlu bit-terremot, ried, fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni solenni tal-Knisja Katidrali l-ġdida, jagħti bħala donazzjoni lil din l-istess knisja veskovili kwadru ta' San Publiju (26), li fil-fatt jinsab fl-istess Katidral. Dan l-att ta' ġenerożità ssokta jissiġilla u jorbot isem dan l-Isqof, li kien mimli żelu qaddis lejn il-merħla tal-fidili fdata lilu (27), ma' dan il-Katidral maestuż, sede ta' l-episkopat fid-djoċesi ta' Malta.

TMIEM

**Riferenzi:**


(16) Ciantar, G.: *Malta Illustrata*, pp. 96-97; BNM, Ma 21, f.122.

(17) Bonnici Art.; *The History of the Church in Malta*, Vol 2. p. 28

(18) Ciantar, G.: op. cit., p. 96

(19) Quentin Hughes qed jirriferi għall-knisja parrokkjali ta' Sant'Elena, Birkirkara.

(20) Hughes, Q.: op. cit., pp. 100-101.

(21) Ferris, A.: op. cit., p. 80.

(22) Il-Granmastru Perellos kien ġie elett għall-maġisteru fl-1697. Għalhekk bħala parti mill-festa ta' l-Ingress tiegħu fl-Imdina l-funzjoni sagra saret għand il-Karmelitani fl-istess belt minflok fil-katidral, kif soltu kien isir, peress li l-katidral kien għadu qed jinbena. (Ara: M. Galea, L-Ingress tal-Granmastru Perellos għand il-Karmelitani fl-Imdina, *Leħen is-Sewwa* 23.6.1979).

(23) Ciantar, G.: op.cit., p. 98; Bonnici, Art.: op. cit., p. 28.

(24) Fosthom il-Kardinal Malti Fabrizio Sceberras Testaferrata (1756-1843).

(25) ACM, Ms 213, f.4.

(26) ACM, Ms 172, f.166.

(27) BNM, Ms 21, f.143.




Il-faċċata tal-Katidral ta' l-Imdina